MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2014

Numru. 1103/2010

**Pulizija**
**(Spettur Tony Cachia)**

**vs**

**Noel Farrugia**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Noel Farrugia ta' 30 sena, bin Carmel Farrugia u Josephine xebba Mifsud, imwieled San Giljan nhar is-26 ta' Jannar 1979 u residenti numru 6, Maria Dolores, Triq il-Qawsalla, Msida u detentur tal-karta tal-identita' numru 205180(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

a) Nhar il-24 t' April 2010, ghall-hin ta' 14:15hrs gewwa fond St Martin, Triq Dun Guzepp Vella Qormi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Denis Cremona f'periklu car, ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna

ta’ Denis Cremona kif iccertifika Dr. Nicholas Paul Delicata med reg no: 5178 mill-Isptar Mater Dei.

b) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, barra minn xi fond jew dintorni tieghu garr xi sikkina jew strument li jaqta’ jew bil-ponta ta’ liema xorta kienet minghajr ma’ kellu licenza jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija.

c) Rredna ruhu lilu nnifsu recidiv wara li gie ikkundannat mill-Qorti Maltija ghal reat b’sentenza li saret definittiva.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, tipprovdi skond l-Art. 383 et seq tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghas-sigurta ta’ Denis Cremona.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 20 ta’ Gunju 2013 (esebita a fol. 122 tal-process) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

- Fl-artikoli 214 ; 215, 216 u 217 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Lilgijiet ta’ Malta ;
- Fl-artikolu 6 u 51(7) tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
- Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
- Fl-artikoli 17, 31, 383 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Rat li waqt l-udjenza tal-21 ta’ Gunju 2013, l-imputat iddikjara li m’ ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta’ dan il-kaz jirrigwardaw griehi ta’ natura gravi kagunati lil Denis Cremona u konsistenti f’farrett f’wiccu fl-24 ta’ April 2010 ghall-habta ta’ 14.15hrs fil-fond St. Martin, Triq San Guzepp Vella, Hal-Qormi b’xafra ta’ dog chain. Mill-provi rrizulta li fil-25 ta’ April 2010 Denis Cremona kien ghamel rapport[1] l-Ghassa ta’ Hal-Qormi fejn qal li waqt li kien fid-dar ta’ habib tieghu f’Hal-Qormi qed jahsel xi affarijiet fis-sink kien dahal l-imputat u wara li akkuzah li hadlu laptop ghamillu ferita f’wiccu b’xafra ta’ dog chain li kellu m’ghonqu. Dan Denis Cremona indika lill-Pulizija fejn setghu isibu lill-imsemmi Noel Farrugia u wara xi jiem ta’ tfittxija fejn l-imputat kien wanted mal-Pulizija huwa mar minn jeddu l-Ghassa fejn gie nterrogat u fejn irrilaxxja stqarrija[2] fejn cahad li kien ikkaguna xi griehi lil Denis Cremona u sostna li Cremona kien mar id-dar ta’ Carmelo Zammit (Il-Qus) sabiex jaggredih ghaliex dan kellu jaghtih xi flus u meta dan qallu li ma kellux flus Cremona beda’ jkisser u qala’ l-puggaman. L-imputat jghid li huwa mar id-dar ta’ Zammit akkompanjat minn erba’ min-nies ohra sabiex jassisti lil Zammit u jghid li ma jaf xejn dwar il-laptop indikat minn Cremona u spjega li huwa m’ghonqu kellu katina b’salib u mhux dog chain.

Meta xehed Denis Cremona fl-udjenza tat-23 ta Gunju 2011 huwa sostna li ma kienx l-imputat li kkagunalu l-griehi f’wiccu u qal li dakinhar tal-incident kien hemm hamsa min-nies ohra u huwa ma kienx jaf min minhom kien ghamillu l-farrett f’wiccu. Meta gie mfakkar li a tempo vergine u cioe’ meta huwa mar jaghmel rapport lil Pulizija huwa kien indika biss lill-imputat bhala l-persuna li kkagunatlu l-griehi Cremona kompla jinsisti li huwa cert li ma kienx l-imputat li kkagunalu l-griehi fl-24 ta’ April 2010 u qal ukoll li kien nesa’ ezattament x’gara dakinhar minhabba li kien jiehu d-droga.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami akkurat tal-atti processwali jirrizulta minghajr dubju li l-Prosekuzzjoni bl-ebda mod ma tista’

---

[1] Okkorrenza relattiva nserita a fol. 28 sa 30 tal-atti processwali.
[2] Inserita a fol. 58 sa 59.

titqies li pruvat il-kaz taghha sal-grad rikjest mill-Ligi u dan ghaliex il-vittma nnifsu qed jghid li ma kienx l-imputat li kkawzalu l-griehi u dan nonostante li a tempo vergine kien indika mod iehor lill-Pulizija. Il-Qorti setghat ukoll tinnota li ma tressaq ebda xhud iehor okulari tal-incident sabiex jaghti hjiel dwar dak li effettivament sehh dakinhar tal-24 ta’ April 2010 meta gew kawzati l-griehi ta’ natura gravi lill-imputat u dan nonostante li dakinhar kien hemm prezenti terzi persuni li uhud minnhom gew indikati lill-Pulizija. Fic-cirkostanzi din il-Qorti m’ghandhiex alternattivia salv li tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------